# News Releases





## Il-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali: 2021-2022

NR 003/2024 Data tal-Ħruġ: 10 ta' Jannar 2024

**Ir-reviżjoni ad hoc f'din l-istqarrija tal-aħbarijiet hija marbuta mar-reviżjoni li kienet imħabbra fil-Press Information Notice tat-13 ta' Ġunju 2023.**

*Fl-aħħar tal-2022, il-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali tal-ekonomija Maltija wriet bilanċ nett ta' €14.1-il biljun.*



Mill-2021 għall-2022, żidiet ta' €36.1 biljun u €36.5 biljun ġew reġistrati fl-assi u l-obbligazzjonijiet barranin rispettivament. Dawn wasslu għall-tnaqqis ġenerali ta' €0.4 biljuni netti fil-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali (IIP).

Fi tmiem l-2022, l-assi barranin kollha ta' Malta barra minn Malta laħqu €561.8 biljun.

L-Investiment Dirett laħaq id-79.7 fil-mija, filwaqt li Investiment Ieħor kien jirrappreżenta 13.5 fil-mija tal-assi barranin kollha. Iż-żieda fl-assi barranin ta' Malta kienet xprunata l-aktar minn żieda ta' €37.1 biljun fl-Investiment Dirett.

Fl-aħħar ta' Diċembru 2022, l-obbligazzjonijiet barranin ta' Malta kienu ta' €547.6 biljun. L-Investiment Dirett żdied minn €422.8 biljun fl-2021 għal €460.8 biljun fl-2022, biċ-ċifra tal-aħħar tgħodd mal-84.1 fil-mija tal-obbligazzjonijiet barranin kollha. L-Investiment Ieħor irrappreżenta 12.4 fil-mija tal-obbligazzjonijiet barranin kollha u ammonta b'kollox għal €67.9 biljun fl-2022.

### Ċart nru 1. Il-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali nett




### Ċart nru 2. L-assi barranin kollha bil-komponenti magħżulin




### Ċart nru 3. L-obbligazzjonijiet barranin kollha bil-komponenti magħżulin

